# IL-FIDI U T-TBATIJA

Miktub minn Joseph Mizzi

Niftakar lil missieri meta kien għadu fl-aħjar tiegħu. Kien ibigħ is-saħħa. Maż-żmien saħħtu bdiet tmajna qajl qajl; dan l-aħħar bilkemm kien għadu jiflaħ jimxi, u fl-aħħar waslet il-ġurnata li xtaqt ma tasal qatt.

Il-mard u t-tbatija huma sfida għall-fidi – min jaf kemm Insara kellhom il-fidi tagħhom mheżża bil-mard u s-sofferenza, speċjalment meta t-tbatija tkun fit-tul. Forsi inti wkoll marid, jew għandek xi ħadd fil-familja jew ħabib tiegħek marid.

Il-mistoqsijiet jiġu waħidhom bħall-ħalel tal-baħar - Għaliex it-tbatija, il-mard u l-mewt? Jekk Alla hu tajjeb u jista' kollox, għaliex ma jeħlisniex minn kull tbatija? Kull marda tiġi minħabba xi dnub personali? Kif jidħol ix-xitan? Jekk nitlob għall-fejqan u nibqa' ma nfiqx, dan ifisser li m'għandix fidi?

## Għaliex, Mulej?

Tajjeb għalhekk li bħat-tfal żgħar immorru għand Missierna u nistaqsuh. X'jgħallimna l-Mulej fuq il-mard u l-mewt? Jekk m'intix diġà marid, żgur li xi darba jew oħra se timrad jew tkorri, jew għad tara lill-għeżież tiegħek ibatu. Bl-għajnuna t'Alla, minflok esperjenza li tkissirna, il-mard jista' jkun okkażżjoni biex nissaħħu fil-fidi u nagħtu glorja 'l Alla.

Il-Kelma t'Alla tgħidilna kif beda l-inkwiet li ninsabu fih, tagħti tifsira għat-tbabija, tagħtina kuraġġ u tama ġenwina. L-appostlu Pawlu jikteb fid-dettall fuq it-tbatija (Rumani 8:16-29):

> L-Ispirtu nnifsu jixhed mal-ispirtu tagħna, li aħna wlied Alla. U jekk ulied, aħna werrieta; werrieta t'Alla, u werrieta ma' Kristu; għax miegħu nbatu, biex inkunu wkoll igglorifikati flimkien. Għax jien inqis li t-tbatijiet taż-żmien t'issa ma jixirqilhomx ikunu mxebbhin mal-glorja li għad tidher fina.
>
> Għax il-ħlejjaq jistennew bil-ħrara l-manifestazzjoni ta' wlied Alla. Għax il-ħlejjaq kienu magħmulin suġġetti għall-frugħa, mhux għax iridu, iżda minħabba dak li ssuġġetthom fit-tama. Għaliex il-ħlejjaq ukoll jinħelsu mill-jasar tat-taħsir, u jaslu fil-ħelsien glorjuż ta' wlied Alla. Għax aħna nafu li l-ħolqien kollu jokrob u jħoss l-uġigħ tal-ħlas sa dan il-waqt. U mhux hu biss, imma aħna wkoll, li għandna l-ewwel frott tal-Ispirtu; aħna stess ukoll nokorbu ġewwa fina nfusna, waqt li nistennew l-adozzjoni, li hi l-fidwa ta' ġisimna. Għax bit-tama aħna salvati; iżda tama li tidher, mhix tama; għax dak li wieħed jarah, għalfejn jittama fih? Iżda jekk aħna nittamaw għal dak li ma narawx, nistennew bis-sabar għalih.
>
> Hekk ukoll l-Ispirtu jgħin id-dgħufijiet tagħna: għax aħna ma nafux x'nitolbu kif jeħtieġ; iżda l-Ispirtu stess jitlob għalina bi tnehid li ma jistax jingħad. U dak li jgħarbel il-qlub jaf x'inhi l-fehma tal-Ispirtu, għax jitlob għall-qaddisin skond ir-rieda t'Alla. U aħna nafu li l-ħwejjeġ kollha jaħdmu flimkien għall-ġid ta' dawk li jħobbu 'l Alla; għal dawk li huma msejħin skond il-pjan tiegħu. Għax dawk li kien jaf minn qabel, ukoll iddestinhom minn qabel biex ikunu jaqblu max-xbieha ta' Ibnu, biex ikun hu l-kbir fost ħafna aħwa.

Dan il-passaġġ jgħallimna li:

1. Il-ħolqien kollu kien magħmul suġġett għall-frugħa.
2. Ġesù ġie biex jifdina mill-konsegwenzi kollha tad-dnub.

3. Għad jasal jum ta' ħelsien.
4. Alla jikkontrolla t-tbatija għall-ġid ta' wliedu.
5. Għandna nitolbu 'l Alla għall-fejqan u l-għajnuna tiegħu.
6. Għandna dejjem nafdaw fl-imħabba u l-qawwa t'Alla.

Ejja nħarsu mill-qrib lejn kull waħda minn dawn il-veritajiet.

## 1. Il-Ħolqien Kollu Kien Magħmul Suġġett Għall-Frugħa

It-tbatija u l-inkwiet huma xi ħaġa 'normali' fid-dinja li qed ngħixu fija, imma mhux hekk kien fil-bidu. Fl-oriġni tal-ħolqien, kollox kien tajjeb. Il-ħajja ma kienitx mhedda mill-mewt. Imma mill-waqa' tal-bniedem fid-dnub, matul l-istorja tal-bniedem s'issa u sat-tieni miġja ta' Kristu, il-ħolqien kollu kien magħmul suġġett għall-frugħa. Għalhekk it-terremonti, għargħar, nixfa, tsunami u rwiefen, li jinkinsu magħhom eluf ta' ħajjiet kull sena.

Aħna l-Insara wkoll, bħal bqija tal-ħolqien, għandna suġġetti għall-frugħa u t-taħsir. 'Il-bniedem tagħna ta' barra jintemm, il-bniedem ta' ġewwa fina jiġġedded minn jum għal jum' (2 Kor 4:16). L-appostlu kiteb dan il-kliem lill-Insara; 'il-ġisem tagħna ta' barra jintemm,' aħna d-dixxipli ta' Kristu m'aħniex eżentati mill-proċess ta' taħsir, aħna wkoll qegħdin nintemmu bil-mod l-mod.

Ġisimna hu suġġett għall-mard u korrimenti, u deterjorazzjoni li twassal għax-xjuħija u l-mewt. Għalhekk l-irjieħat, infezzjonijiet, il-meninġite, il-mard tal-qalb, il-puplesija, id-dementia u l-kanċer.

Żgur li ma nistgħux ngħidu li kull marda tiġi minħabba xi dnub personali. Tassew li Alla jista' juża l-mard biex jiddixxiplina fl-imħabba lill-uliedu (Ġakbu 5:14, 15; 1 Korintin 11:30), imma l-qaddisin t'Alla huma suġġetti għall-mard bħal kulħadd. Mhux minħabba xi dnub personali, imma għax aħna wkoll bħall-bqija tal-ħolqien suġġetti għall-frugħa. Darba l-Lhud staqsew li Ġesù jekk wieħed raġel kienx għama minħabba xi dnub personali jew tal-ġenituri. Kienu żbaljati. Ma kienx marid la minħabba dnub tiegħu u lanqas ta' ħaddieħor, imma biex l-għemejjel t'Alla jidhru fih (Ġwanni 9:1-3).

Kultant inġibu l-mard fuqna bl-imġiba irresponsabbli tagħna, ngħidu aħna b'ikel u xorb żejjed, u b'vizzji bħat-tipjip – imma anke jekk nieħdu ħsieb saħħitna, xorta waħda, nibqgħu suġġetti għall-frugħa. Il-mard jiġi xorta waħda, u fl-aħħar mill-aħħar se nitilfu l-battalja għall-ħajja.

Din il-verità tgħallimna nkunu realistiċi fil-pellegrinaġġ tal-fidi. Filwaqt li għandna nieħdu ħsieb ġisimna u ngawdu bil-ferħ il-barkiet li jagħtina l-Mulej f'din id-dinja, ma rridux ninsew li dawn il-ħwejjeġ kollha jintemmu. Ma nistgħux nagħfsu sod f'idejna dak li ma nistgħux inżommu għal dejjem. Il-perspettiva tagħna m'għandhiex tieqaf fuq dak li hu temporali, imma għandna nħarsu 'l fuq lejn is-sema, li hi darna għal dejjem, fejn hemm Sidna il-Maħbub. Hemmhekk biss ruħna ssib il-milja sħiħa, is-serħan u l-ferħ dejjiemi.

## 2. Ġesù Ġie biex Jifdina mill-Konsegwenzi Kollha tad-Dnub

Alla jinteressah mill-bniedem sħiħ; jinteressah mir-ruħ u mill-ġisem ukoll. Alla l-Missier bagħat lill-Ibnu Ġesù biex jiksbilna fidwa sħiħa, li tinkludi l-aspetti spiritwali u fiżiċi wkoll. Kristu ġie biex jiksbilna l-maħfra ta' dnubietna u biex jeħles lil ġisimna mit-taħsir. Il-profeta kien ħabbar mijiet ta' snin qabel fuq l-għan doppju tal-missjoni tiegħu.

> Tassew hu refa' l-mard tagħna, u tgħabba bl-uġigħ tagħna; u aħna ħsibnih milqut, midrub minn Alla, u umiljat! Hu kien miġruħ minħabba ħtijietna, misħuq minħabba l-

> ħażen tagħna: il-kastig, li bih għandna s-sliem kien fuqu; u bil-flaġġellazzjoni tiegħu aħna fiqna. Bħal ngħaġ aħna lkoll intlifna; kulħadd sejjar għal triqtu, u l-Mulej tefa' fuqu l-ħażen tagħna lkoll (Isaija 53:3-6).

Ġesù bata minħabba ħtijietna u l-ħażen tagħna; ħa fuqu l-kastiġ tagħna u kisbilna s-sliem m'Alla. Mhux biss, Ġesù tgħabba bl-uġigħ tagħna biex jiksbilna l-fejqan. Hekk mela Ġesù kisbilna s-saħħa f'ruħna u f'ġisimna wkoll. Waqt il-ministeru pubbliku, Ġesù ta prova li hu tassew il-feddej mwiegħed billi wettaq bosta mirakli ta' fejqan. Ġesù qajjem il-magħtub, fejjaq il-marid, ta d-dawl lil għami u s-smigħ lit-trux, naddaf l-imġiddem, u lill-mejjet qajmu lura għall-ħajja. Ma fejjaqx lil kulħadd, u ma qajjimx il-mejtin kollha. Il-mirakli tiegħu kienu biss sinjal ta' dak li għandu jwettaq fiż-żmien determinat fil-pjan etern t'Alla. Tassew, Ġesù ġie biex jifdina mill-konsegwenzi kollha tad-dnub.

## 3. Għad Jasal Jum ta' Ħelsien

Ix-xogħol li wettaq Kristu żgur jagħti l-frott sħiħ u jeħles kompletament lill-poplu kollu tiegħu. Ma tibqa' ebda traċċa ta' tbatija u mard. Imma mhux illum; dan il-ħelsien sħiħ huwa fil-futur. Il-ħolqien qed jistenna; aħna wkoll qed nistennew fit-tama.

> Għax iċ-ċittadinanza tagħna hi fis-sema; minn hemm ukoll aħna nistennew is-Salvatur, lil Sidna Ġesù Kristu li jbiddel il-ġisem tal-umiljazzjoni tagħna, biex ikun jixbah il-ġisem tal-glorja tiegħu, skond il-qawwa li biha jista' ukoll jissuġġetta kollox għalih innifsu (Filippin 3:20, 21).

> (Aħna lkoll nitbiddlu) f'waqt wieħed, f'ħakka ta' għajn, mad-daqq tal-aħħar trumbetta: għax iddoqq it-trumbetta, u l-mejtin iqumu bla taħsir, u aħna nitbiddlu. Għax jeħtieġ li dan il-ġisem li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, u dan il-ġisem li jmut jeħtieġ in-nuqqas tal-mewt. Għalhekk, meta dan il-ġisem li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, u dan il-ġisem li jmut jilbes in-nuqqas ta' mewt, imbagħad isseħħ il-kelma li nkitbet: Il-mewt inbelgħet fir-rebħa (1 Korintin 15:52-54).

> U jimsaħ Alla kull demgħa minn għajnejhom; u ma jkunx hemm iżjed mewt, u la għali, u la biki, u lanqas uġigħ iżjed: għax id-dinja ta' qabel tkun għaddiet (Rivelazzjoni 21:4)

Imma dan kollu fil-futur, mhux issa, mhux illum, mhux fil-prezent. Ġisimna jsir jixbaħ il-ġisem tal-glorja ta' Ġesù fit-Tieni Miġja tiegħu. L-għajta tal-vittorja, 'Il-mewt inbelgħet fir-rebħa' isseħħ fil-qawmien. Illum għad fadal wisq dmugħ fuq ħaddejn ulied Alla, u għali, biku u wġigħ.

Il-benefiċċja tal-fidwa ta' Kristu huma applikati skond pjan, b'ċertu ordni. Lil dawk li jemmnu f'Ġesù, minn issa huma ġustifikati u għandhom l-Ispirtu s-Santu biex ma jibqgħux ilsiera tad-dnub. L-Ispirtu huwa ukoll l-ewwel frott – il-pleġġ li għad jiġi l-ħsad sħiħ u abbundanti. L-Ispirtu t'Alla fina huwa l-garanzija ta' ħelsien sħiħ, anke tat-tbatija u l-mard.

Imma issa għadna nitniedu. Il-ħelsien ta' ġisimna huwa mwiegħed għall-futur.

Jidher l-iżball ta' xi wħud li jinsistu li Alla ma jridx li uliedu jkollhom mard f'din id-dinja ladarba Kristu ħa l-mard tagħhom. Tassew Kristu ħa l-mard tagħna, imma l-Iskrittura tgħidilna wkoll meta se ngawdu dan il-benefiċċju tal-fidwa ta' Kristu. Ma wegħdniex saħħa f'dan iż-żmien – anzi l-Kelma tgħidilna ċar li aħna l-Insara wkoll nitniegħdu mal-bqija tal-ħolqien – imma fil-futur. Aħna salvati fit-tama. Kieku għandna l-fidwa ta' ġisimna issa, m'hemmx għalfejn nittamaw. Imma aħna msejjħin biex nittamaw għal dak li ma narawx, u nistennew bis-sabar għall-fidwa ta' ġisimna.

L-evanġelju 'sħiħ' jinkludi l-fejqan tar-ruħ u tal-ġisem, imma kollox f'ħinu u f'waqtu; mill-banda 'l oħra, mhux 'sħiħ' l-evanġelju li jiggarantixxi fiċ-ċert il-fejqan f'din il-ħajja għax dan Alla qatt ma wiegħdu.

## 4. Alla Jikkontrolla t-Tbatija għall-Ġid ta' Wliedu

Allura Alla ma jinteressahx mit-tbatija ta' wliedu f'dan iż-żmien? Iva, u kif! Alla l-Missier jieħu ħsieb 'l uliedu u jridna niddependu fuqu għal bżonnijiet kollha tagħna fir-ruħ u fil-ġisem, saħansitra jridna nitolbuh għall-ħobża ta' kuljum. Iridna nħarsu lejh u nifhmu li hu fil-kontroll sħiħ ta' kollox. Għasfur tal-bejt, qalina Ġesù, ma jaqax fl-art jekk mhux bir-rieda tal-Missier.

Mosè pprotesta m'Alla meta sejjaħlu, 'O Sidi, jien miniex raġel li naf nitkellem, u la qabel, u lanqas mindu int kellimt lill-qaddej tiegħek; jiena tqil fi kliemi, u tqil f'ilsieni.' Imma Alla fakkru li kien hu stess li għamlu kif kien bid-dgħufijiet tiegħu. 'Min għamel fomm il-bniedem? Jew minn jagħmel il-muti? Jew it-torox, jew dawk li jaraw, jew l-għomja? Mhux jien il-Mulej?' (Esodu 4:10, 11). Jekk nara tajjeb, Alla għamilni hekk; jekk ma narax, Alla għamilni hekk! Is-Sid ta' ħajti hu l-Mulej. Kemm hu aħjar li nara l-id t'Alla fit-tajjeb u fil-ħażin, fis-saħħa u l-mard, u saħansitra fil-mewt.

> Araw issa li jien, iva jien, jien hu, u m'mhemmx alla ieħor għajri: jien immewwet, u nagħti l-ħajja; jien nidrob u nfejjaq: u lanqas hemm ħadd li jista' jeħles minn idi (Dewteronomju 32:39).

Huwa Alla li jfejjaq, imma huwa Alla wkoll li jidrob; li jagħti l-ħajja, u li jġib il-mewt ukoll.

Xi ngħidu għax-Xitan? Mhux l-għadu tagħna? Ma kienx Satana li ttormenta lil Ġob b'ħafna mard u tbatija fiżika? Iva, imma mhux mingħajr il-permess u l-kontroll sħiħ t'Alla. L-għan ta' Satana kien ħażin u malinn, imma Alla ippermetta t-tbatija biex juri l-glorja tiegħu u jqawwi lill-qaddej tiegħu. Infatti Satana ma jistax imqar imissilna xagħra waħda jekk mhux bir-rieda t'Alla, u meta Alla jippermettih, dan ikun għall-ġid tagħna.

Alla juża l-mard u t-tbatija, li fihom infushom huma ħwejjeġ ħżiena, għall-benefiċċju tagħna. Is-Salmista jirrifletti fuq l-esperjenzi tat-tbatija, u wara li kien għadda minnhom jirrealizza li swewlu ta' ġid.

> Qabel ma kont imgħakkes, jien kont mitluf: iżda issa nħares kelmtek… Swieli li jien kont imgħakkes biex nitgħallem l-istatuti tiegħek… Jien naf, o Mulej li l-ġudizzji tiegħek huma ġusti u li skont il-fedeltà tiegħek int għakkistni (Salm 119: 67, 71, 75).

Il-frott tat-tbatija hu abbundanti. It-tbatija sservi biex nifhmu l-Kelma t'Alla; biex jumiljana; joftomna mill-imħabba żejda għall-ħwejjeġ li jitemmu; biex jinkoraġġina nħarsu 'l fuq lejn is-sema, u jqawwi fina t-tama; biex nifhmu aktar u nagħdru lil dawk li qed ibgħatu; biex nixxierku fit-tbatija ta' Kristu; biex nitqaddsu u nsiru nixbħu aktar u aktar lil Kristu.

> U aħna nafu li l-ħwejjeġ kollha jaħdmu flimkien għall-ġid ta' dawk li jħobbu 'l Alla; għal dawk li huma msejħin skond il-pjan tiegħu. Għax dawk li kien jaf minn qabel, ukoll iddestinhom minn qabel biex ikunu jaqblu max-xbieha ta' Ibnu (Rumani 8:28, 29).

> Il-Mulej joqgħod isaffi u jnaddaf il-fidda; u jnaddaf lil ulied Levi, u jippurifikhom bħal ma jagħmlu lid-deheb u l-fidda, biex huma joffru lill-Mulej offerti bis-sewwa (Malakija 3:3).

Sabiex jagħmel oġġett tal-fidda sabiħ u ta' valur, l-arġentier irid l-ewwel ineħħi l-ħmieġ li jkun hemm mħallat mal-metall. Għalhekk isaħħan kollox b'nar jaħraq biex il-ħmieġ

jinħall u jitla' fil-wiċċ; imbagħad ikun jista' jixkumah. Meta l-arġentier jara ir-riflessjoni ta' wiċċu fil-metall maħlul, ikun jaf li issa l-fidda hi pura. L-iskop tan-nar ikun intlaħaq.

Hekk jagħmel Alla lilna. Iġġarrabna fin-nar tat-tbatija u sofferenza. Mhux għalxejn. Imma biex ineħħi l-impurità u l-ħmieġ minn qlubna. Jibqa' jgħaddina min-nar sakemm jara x-xbieha ta' Ibnu rifessa fina. Dak hu 'l-ġid' li għalih wegħdna li l-ħwejjeġ kollha jaħdmu flimkien għalih! Li nsiru nixbħu lill-Iben t'Alla. Imma dan il-ġid nilħquh biss meta ngħaddu mit-tbatija skond il-pjan u l-kontroll t'Alla l-imbierek.

## 5. Għandna Nitolbu 'l Alla għall-Fejqan u l-Għajnuna Tiegħu

Għandna nitolbu 'l Alla għall-fejqan għax hu sewwa għalina l-ulied nitolbu lill-Missiera fl-għali tagħna, u huwa sewwa għall-Missier li jisma' t-talb ta' wliedu u jagħtina dak li hu tajjeb għalina. Sikwit ifejjaqna (tfakar kemm-il darba mradt matul ħajtek u kemm-il darba fejqek!), imma ġieli ma jfejjaqniex... imma dejjem, dejjem iwegibna fl-aħjar interess tagħna.

L-appostlu Pawlu jsemmi x-xewka f'ġismu, u jgħid kif talab lil Mulej jeħilsu minnha. 'Minħabba f'hekk tliet darbiet tlabt il-Mulej, biex titbiegħed minni.' Ara x'kienet it-tweġiba tal-Mulej:

> Il-grazzja tiegħi biżżejjed għalik: għax is-setgħa tiegħi tidher kollha fin-nuqqas ta' saħħtek (2 Korintin 12:8, 9).

Il-grazzja t'Alla hi suffiċjenti. Alla ma fejqux mhux għax Pawlu ma kellux fidi. Ma fejqux mhux għax Alla ma kienx kapaċi; u mhux għax Alla ma kienx iħobbu. Ma fejqux għax hekk ried u għax hekk kien l-aħjar. Imma mal-mard, assigurah mill-preżenza tiegħu. 'Il-grazzja tiegħi hi biżżejjed għalik.'

Ħalli mela aħna wkoll nitolbu bil-qalb: Missier jekk jista' jkun, fejjaqni! U ħalli nitgħallmu minn Kristu, nitolbu, Ikun dak li trid int! Jekk tfejjaqni, grazzi! Jekk le, il-grazzja tiegħek hi biżżejjed għalija wkoll!

Alla sikwit ifejjaqna permezz tal-mezzi. Ġesù qalilna li min hu b'saħħtu m'għandux bżonn it-tabib, imma dawk li huma morda. Huwa sewwa għalhekk li tfittex l-għajnuna medika. Din hi don t'Alla. Imma mhux sewwa tfittex l-għajnuna medika u tittama fit-tobba u l-mediċini u tinsa' 'l Alla kif jagħmlu nies bla fidi. Lanqas hu sewwa titlob mingħajr ma tuża l-mezzi li tana Alla, kif jagħmlu xi fanatiċi. Dik preżunzjoni, mhix fidi. Aħna wkoll nitolbu 'l Alla għall-ħobża ta' kuljum, u fl-istess ħin ma noqgħodux b'idejna fuq żaqqna imma noħorġu naħdmu biex naqilgħu x'nieklu. Bl-istess mod huwa sewwa li titlob kif ukoll tuża l-mezzi għall-fejqan, u b'hekk tkun tirrikonoxxi li l-fejqan tiegħek ġej min għandu, u jekk ma tfiqx, tkun tista' tibqa' tittama u tistrieħ f'Alla.

Fil-mard nagħmlu sewwa li nqisu ħajjitna u nistqarru m'Alla d-dnubiet tagħna, imma ladarba numiljaw lilna nfusna quddiem il-Mulej, m'għandiex għalfejn nibqgħu inkiddu lilna nfusna bi ħsibijiet negattivi, 'Ġrali hekk għax ħaqqni', jew, 'Alla qed iħallasni tal-ħażen tieghi.' Ħsibijiet bħal dawn m'hemmx posthom fil-qalb tal-bniedem niedem. Tibqax tħares fik innifsek, imma ħares 'il fuq lejn is-sema u ara 'l Missierek kollu mħabba u ħniena għalik.

Nagħmlu kuraġġ akbar nersqu lejn Alla għax għalkemm ma nafux kif nitolbu kif imiss, l-Ispirtu s-Santu jgħinna u jitlob għalina skond ir-rieda t'Alla.

## 6. Għandna Nafdaw Dejjem fl-Imħabba u l-Qawwa t'Alla

Għandna nafdawh dejjem, anke fl-aktar mumenti mudlama; anzi ngħid, għandna nafawh l-aktar f'mumenti bħal dawk. Ninkwieta meta nisma' x'uħud jinsistu li jekk għandek il-

fidi tfiq żgur. X'jiġri minn dak il-povru li jemmnu dan it-tagħlim, meta illum jew għada jimrad, jitlob, jemmen, u jibqa' ma jfiqx. Tista' taħseb x'jibqa mill-fidi tiegħu: 'Jien emmint li Alla jfejjaqni, u bqajt ma fiqtx. Alla ma żammx kelmtu, jew jien m'għandix fidi!'

Le, ħabib, jekk inti temmen f'Alla, u bqajt ma fiqtx minkejja li tlabtu, Alla ma marx lura minn kelmtu, għax il-wegħda tal-fidwa ta' ġismek se sseħħ fit-tieni miġja, mhux f'din il-ħajja. Min wegħdek mod ieħor tak tama falza.

Infatti li tibqa' tafda 'l Alla minkejja l-mard tiegħek hu sinjal akbar tal-ġenwinità tal-fidi tiegħek fil-Mulej. Hu faċli temmen meta kollox imur tajjeb; hu aktar diffiċli temmen meta kollox imur ħażin. Hekk għamel Ġob.

> Qam imbagħad Ġob, u ċarratt il-mantar tiegħu, u qarweż rasu, u miel sal-art, u ta qima; u qal: Għeri ħriġt minn ġuf ommi, u għeri nerġa' mmur hemm: Il-Mulej ta, u l-Mulej ħa; imbierek ikun isem il-Mulej. F'dan kollu ma dinibx, u ma qalx kliem iblah fuq Alla.
>
> Imbagħad martu qaltlu: Għadek int iżżomm l-intergrità tiegħek? Idgħi lill-Mulej, u mut. Iżda hu qalilha: Inti titkellem bħal ma titkellem waħda belha. X'inhu? nilqgħu l-ġid minn id Alla, u ma nilqgħux id-deni? F'dan kollu ma dinibx Ġob b'xofftejh. (Ġob 1:20-22; 2:9, 10).

Ma jfissirx li Ġob fehem kollox x'kien qed jiġri wara l-kwinti, jew x'kien l-għan t'Alla fil-mard u t-tbatija tiegħu. Imma xorta waħda emmen fit-tjieba t'Alla u tah qima. Din l-attitudni ta' sottomissjoni togħġob wisq 'l Alla.

Fl-Ittra lil-Lhud naqraw kif nies ta' fidi għamlu ħwejjeġ kbar u mirakolużi bil-fidi tagħhom...

> …bis-saħħa tal-fidi ħakmu saltniet, għamlu l-ħaqq, qalgħu wegħdiet, saddew ħluq l-iljuni. Tfew il-qawwa tan-nar, ħelsu minn xifer is-sejf, minn dgħajfin saru b'saħħithom, saru qalbenin fil-gwerra, u ħarbtu l-armati tal-barranin. Xi nisa ħadu l-mejtin tagħhom imqajmin mill-ġdid għall-ħajja…

Dik hi l-fidi ġenwina! Imma mhux biss, naqraw ukoll kif nies ta' fidi batew u mietu mingħajr ma raw il-wegħda t'Alla sseħħ f'ħajjithom. Dik ukoll hija l-fidi ġenwina!

> …oħrajn qatluhom bid-daqqiet, u ma ridux il-ħelsien; biex jaqilgħu qawmien aħjar. U oħrajn kellhom it-tiġrib ta' żebliħ kiefer u ta' swat, iva, u tal-ktajjen ukoll, u tal-ħabs. Kienu mħaġġrin, imħanxrin min-nofs, imġarrbin, maqtulin bis-sejf: iġġerrew lebsin ġlud tan-ngħaġ u tal-mogħoż; fil-bżonn, imnikktin, maħqurin (Lhud 11:33-37).

Il-glorja t'Alla tidher meta jfejjaq; il-glorja t'Alla tidher sabiħa wkoll meta jagħtina qalb umli, paċenzjuża, li tafdah f'kollox, anke fit-tbatija, u tibqa' tafdah sal-mewt.

Ftit ilu tajt tilqima lil ibni John. Kien għadu kemm għalaq sena. Eżatt kif niggistu tani ħarsa mbikkma bħallikieku jrid jgħidli, 'Għaliex weġġajtni papà?' Jien weġġajt miegħu! Mur fehmu li weġġajtu għall-ġid tiegħu! Imma ftit mumenti wara t-tifel inġibed għal fuqi biex nerfgħu, u għannaqni, bħallikieku jrid jgħidli, 'Jien naf li inti tħobbni'.

Jien ukoll fit-tbatijiet tiegħi rrid ngħid lil Missieri, 'Anke jekk ma nifhimx, jien nibqa nafda fik. Jien naf li inti tħobbni.'

© 2009 Dr Joseph Mizzi. Permess mogħti biex dan l-artiklu jkun riprodott u mqassam mingħajr ħlas. www.tecmalta.org